



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16466/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0449(COD)

PECHE 575
CODEC 2422

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Diċembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 771 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472 fir-rigward tal-miri għall-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 771 final.

Mehmuż: COM(2023) 771 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2023
COM(2023) 771 final

2023/0449 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472 fir-rigward
tal-miri għall-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolamenti (UE) 2016/1139¹, (UE) 2018/973² u (UE) 2019/472³ li jistabbilixxu pjanijiet pluriennali għal ċerti stokkijiet mistada fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Ilmijiet tal-Punent, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet (“il-MAPs”). Il-MAPs huma wieħed mill-istrumenti ewlenin biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika komuni tas-sajd (“PKS”).

F'konformità mal-prinċipji, l-oġettivi u l-kontenut stabbiliti fl-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 (“ir-Regolament PKS”)⁴, il-MAPs jistabbilixxu miri u miżuri għall-ġestjoni fit-tul ta' ċerti stokkijiet u sajd fil-livell tal-baċir tal-baħar, inklużi salvagwardji għal azzjonijiet ta' rimedju fejn meħtieġ. Barra minn hekk, il-MAPs jipprevedu flessibbiltà billi jippermettu l-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd fil-“medda tal-F_{MSY}”, kif definit fl-Artikolu 2(2) tal-MAPs tal-Ilmijiet tal-Baltiku u tal-Punent, u fl-Artikolu 2(1) tal-MAP tal-Baħar tat-Tramuntana.

Il-MAPs fihom dispożizzjoni identika fl-Artikolu 4(6) tal-MAPs tal-Baħar Baltiku u tal-Baħar tat-Tramuntana u fl-Artikolu 4(7) tal-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent, li tipprevedi li “fi kwalunkwe każ, l-oportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffixxati b'mod li jiżgura probabbiltà ta' inqas minn 5 % li l-bijomassa riproduttiva ta' stokk jinżel inqas mill-B_{lim}” (“ir-regola tal-5 %”)⁵.

Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi relatati mal-istatus ta' stokk ta' ħut partikolari u t-tbassir fuq terminu qasir għall-iżvilupp tal-bijomassa tiegħu, l-applikazzjoni tar-regola tal-5 % tista' tirriżulta f'sitwazzjoni li tkun inkonsistenti mar-regoli l-oħra tal-MAPs li jirregolaw l-iffissar tal-oportunitajiet tas-sajd u li ikollha implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi.

Minn naħa, ir-regola tal-5 % tista' tfixx li l-oportunitajiet tas-sajd ma jistgħux jiġu stabbiliti u s-sajd fil-mira għandu jiġi sospiż. Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet ta'

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikkal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007, (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jispjefika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

⁵ L-Artikolu 2(7) tal-MAP tal-Baħar tat-Tramuntana u l-Artikolu 2(8) tal-MAPs tal-Ilmijiet tal-Baltiku u tal-Punent jiddefinixxu l-“B_{lim}” bħala “l-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, li taħtu tista' titnaqqas il-kapaċità riproduttiva”.

salvagwardja fil-MAPs jirrikjedu l-adozzjoni ta' miżuri ta' rimedju biex l-istokk jinġieb 'il fuq minn B_{trigger}, abbażi ta' valutazzjoni każ b'każ dwar l-adegwatezza għall-għażla ta' tali miżura, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-MAPs. Barra minn hekk, il-MAPs jirreferu għall-possibbiltà, u mhux l-obbligu, li jiġi sospiż is-sajd fil-mira, dment li tali miżura titqies xierqa f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-MAPs.

Għal dawk ir-raġunijiet, huwa għalhekk xieraq li titħassar ir-regola tal-5 % fil-MAPs.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta hija konsistenti mar-Regolament dwar il-PKS u se tiżgura l-konsistenza interna tar-regoli tal-MAPs li jirregolaw l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd annwali mill-Kunsill.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta temenda l-MAPs u għalhekk hija bbażata fuq l-istess bażi ġuridika, jiġifieri l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

L-oġġettiv ta' din il-proposta hu li tiġi żgurata l-konsistenza interna tar-regoli tal-MAPs li jirregolaw l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd annwali mill-Kunsill. Il-modifika proposta hija meħtieġa u hi l-aktar miżura xierqa biex jintlaħaq dan l-oġġettiv.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-proposta temenda r-regolamenti eżistenti, l-aktar strument legali xieraq huwa regolament.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fl-2023, il-Kummissjoni ddiskutiet ir-regola tal-5 % mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari mal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Baltiku u mal-grupp reġjonali tal-PKS tal-Istati Membri tal-UE tal-Baħar Baltiku ("BaltFish"). Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati esprimew it-tħassib serju tagħhom dwar il-konsistenza tar-regola tal-5 % mar-regoli l-oħra tal-MAPs li jirregolaw l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd u l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi tagħha.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Kull sena, l-Unjoni tfittex parir xjentifiku dwar l-istat tal-istokkijiet importanti mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES)⁶. Il-parir xjentifiku tal-ICES huwa bbażat fuq qafas ta' pariri interni żviluppat mill-gruppi ta' esperti u l-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu, li jinkorpora approċċ prekawzjonarju bbażat fuq riskju ta' mhux aktar minn 5 % fuq terminu twil li stokk jaqa' taħt il-B_{lim}⁷. Barra minn hekk, il-parir xjentifiku tal-ICES jingħata skont il-ftehim qafas ta' sħubija mal-Kummissjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-objettiv ta' din il-proposta hu li tiġi żgurata l-konsistenza interna tar-regoli tal-MAPs li jirregolaw l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd annwali mill-Kunsill. L-emenda proposta tal-MAPs hija meħtieġa u hi l-aktar miżura xierqa biex dan l-objettiv jintlaħaq. Din hija emenda mmirata u limitata ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-MAPs, li għandha l-għan li tindirizza inkonsistenza interna f'dawk ir-regolamenti. Minħabba li ma hemm l-ebda għażla ta' politika, mhi meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt jew konsultazzjoni pubblika.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta ma hija tippromponi l-ebda regoli ġodda jew proċeduri amministrattivi ġodda għall-awtoritajiet pubbliċi (nazzjonali jew tal-Unjoni) li jistgħu jżidu l-piż amministrattiv. Barra minn hekk, ma għandha l-ebda rabta ma' piżijiet regolatorji, mikrointrapriżi, SMEs jew kwistjonijiet diġitali.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza prevedibbli fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ara t-Taqsima 1 "kuntest tal-proposta" hawn fuq.

⁶ <http://www.ices.dk/advice/Pages/Latest-Advice.aspx>

⁷ Il-Parir tal-ICES 2015, il-Ktieb 6, p. 4 "EU request to ICES to provide FMSY ranges for selected North Sea and Baltic Sea stock", https://ices-library.figshare.com/Articles/report/EU_request_to_ICES_to_provide_FMSY_ranges_for_selected_North_Sea_and_Baltic_Sea_stocks/18629411/1

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472 fir-rigward tal-miri għall-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁸,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Wieħed mill-oġġettivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS), kif stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, huwa li jiġi żgurat li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jirrestawra u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY). Skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ir-rata ta' sfruttament tal-MSY kellha tintlaħaq sal-2015 fejn possibbli u, fuq bażi progressiva u inkrementali sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha.
- (2) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-PKS, ir-Regolamenti (UE) 2016/1139¹⁰, (UE) 2018/973¹¹ u (UE) 2019/472¹² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill stabbilew pjanijiet

⁸ ĠU C , , p. .

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2013/1380/2023-01-01?locale=mt>).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007, (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1, <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1139/2020-12-01?locale=mt>).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1 <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/973/2019-08-14?locale=mt>).

¹² Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1, <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/472/2019-08-14?locale=mt>).

pluriennali għall-ġestjoni fit-tul ta' ċerti stokkijiet fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Ilmijiet tal-Punent, għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet u, fejn daww l-istokkijiet jestendu lil hinn mill-Ilmijiet tal-Punent, fl-ilmijiet tal-madwar tagħhom ("il-MAPs").

- (3) Skont l-Artikolu 10(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-MAPs jistabbilixxu miri kwantifikabbli fil-forma ta' rati ta' mortalità mis-sajd fil-mira. Dawn ir-rati jipprevedu flessibbiltà billi jistabbilixxu firxa ta' valuri (meded tal- F_{MSY} b'limiti ta' fuq u ta' isfel) konsistenti mal-kisba tal-MSY għall-istokkijiet fil-mira u maż-żamma tagħhom.
- (4) L-opportunitajiet tas-sajd huma stabbiliti f'daww il-meded tal- F_{MSY} . Daww il-meded huma bbażati fuq parir xjentifiku mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES") jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali, u ddeterminati b'tali mod li l-livelli kollha ta' mortalità mis-sajd fil-medda jirriżultaw f'MSY fit-tul mingħajr ma jaffettwaw b'mod sinifikanti l-proċess ta' riproduzzjoni għall-istokk inkwistjoni.
- (5) Skont l-Artikoli 2(2) tar-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2019/472, u l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2018/973, il-medda tal- F_{MSY} hija kkalkulata li twassal għal tnaqqis ta' mhux aktar minn 5 % fir-rendiment fit-tul meta mqabbel mal-MSY u tkun limitata sabiex il-probabbiltà li l-istokk jaqta' taħt il- B_{lim} ma tkunx aktar minn 5 %.
- (6) L-Artikolu 4(6) tar-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, kif ukoll l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2019/472, jipprevedu wkoll li "fi kwalunkwe każ, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffixxati b'mod li jiżgura probabbiltà ta' inqas minn 5 % li l-bijomassa riproduttiva ta' stokk jinżel inqas mill- B_{lim} " ("ir-regola tal-5 %").
- (7) F'ċerti ċirkostanzi relatati mal-istatus ta' stokk ta' ħut partikolari u mat-tbassir fuq terminu qasir għall-iżvilupp tal-bijomassa tiegħu, l-applikazzjoni tar-regola tal-5 % tista' tirriżulta f'sitwazzjoni li tkun inkonsistenti mar-regoli l-oħra tal-MAPs li jirregolaw l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd u li jkollha implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi.
- (8) Meta l-parir xjentifiku jindika li għal sena partikolari l-bijomassa riproduttiva tal-istokk fil-mira jew, fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu, l-abbundanza ta' stokkijiet speċifiċi, tkun inqas mill-MSY $B_{trigger}$, ir-regoli ta' salvagwardja stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472 jipprevedu li għandhom jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju xierqa kollha biex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu tal-istokk ikkonċernat għal-livelli oġġla minn daww li kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffixxati f'livelli li jkunu konsistenti ma' mortalità mis-sajd li tkun tnaqqset għal inqas mill-oġġla medda tal- F_{MSY} , filwaqt li jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa.
- (9) Ir-regoli ta' salvagwardja fil-MAPs jipprevedu wkoll li għandhom jiġu adottati aktar miżuri ta' rimedju meta l-bijomassa tal-istokk riproduttiv tal-istokk fil-mira jew, fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu, l-abbundanza ta' stokkijiet speċifiċi, tkun inqas mill- B_{lim} , sabiex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu tal-istokk ikkonċernat għal livelli oġġla minn daww li kapaċi jipproduċu l-MSY. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139, kif ukoll l-Artikolu 7(2) tar-Regolamenti (UE) 2018/972 u (UE) 2019/472, jirreferu speċifikament mhux biss għas-sospensjoni tas-sajd fil-mira, iżda

wkoll għal miżuri possibbli oħra bħat-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd, l-adozzjoni ta' miżuri ta' emerġenza jew ta' miżuri tekniċi.

- (10) Il-MAPs jipprevedu wkoll li l-għażla tal-miżuri fiż-żewġ każijiet għandha ssir skont in-natura, is-serjetà, id-durata u r-ripetizzjoni tas-sitwazzjoni. Il-MAPs għalhekk jirrikjedu s-sospensjoni tas-sajd fil-mira biss jekk, f'konformità mal-kriterji fil-MAPs, jitqies li tkun il-miżura ta' rimedju xierqa meħtieġa biex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu tal-istokk għal livelli oġġla minn daww li kapaċi jipproduċu l-MSY.
- (11) Għalhekk, minn naħa waħda, ir-regola tal-5 % tista' tfisser li l-opportunitajiet tas-sajd ma jistgħux jiġu stabbiliti u s-sajd fil-mira għandu jiġi sospiż. Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet ta' salvagwardja fil-MAPs jirrikjedu l-adozzjoni ta' miżuri ta' rimedju biex l-istokk jinġieb 'il fuq minn $B_{trigger}$, abbażi ta' valutazzjoni każ b'każ dwar l-adegwatezza għall-għażla ta' tali miżura, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-MAPs. Barra minn hekk, il-MAPs jirreferu għall-possibbiltà, u mhux l-obbligu, li jiġi sospiż is-sajd fil-mira, dment li tali miżura titqies xierqa f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-MAPs.
- (12) Għalhekk jeħtieġ li din l-inkonsistenza fil-qafas legali tiġi indirizzata billi jiġihassru d-dispożizzjonijiet fir-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472 li jipprevedu li l-opportunitajiet tas-sajd għandhom fi kwalunkwe każ jiġu ffixxati b'tali mod li tiġi żgurata l-probabbiltà li l-istokk jaqa' taħt il- B_{lim} ma tkunx aktar minn 5 %.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 2016/1139, (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472 jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2016/1139

L-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) 2016/1139 jiġihassar.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) 2018/973

L-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) 2018/973 jiġihassar.

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/472

L-Artikolu 4(7) tar-Regolament 2019/472 jiġihassar.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ tlett ijiem wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President